Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 1465/2001/1

**Avukat Carmelo Castelli ghan-nom u in rapprezentanza tal-organizzazzjoni estera Commercial Italian American Organisation (CIAO) u s-socjeta` estera Trident s.r.l u b'digriet tas-7 ta' Ottubru 2005 l-atti tal-kawza gew legittimati f'isem l-Avukat Anna Mallia bhala mandatarja specjali tal-Organizzazzjoni estera Commercial Italian American Organisation (CIAO) u s-socjeta` Estera Trident s.r.l**

**v.**

**Focal Maritime Services Ltd, Thomas Smith & Co. Ltd, Air Malta plc, l-Avukat Dr. Beppe Fenech Adami u l-PL Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tal-10 ta' Settembru**

**2001 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta` Estera Delta Airlines u b'digriet datat 28 ta' Ottubru 2005 l-istess gew sostitwiti b'Dr. Tonio Fenech u Dr. Nicolai Vella Falzon bhala mandatarji specjali tal-istess socjeta` estera Delta Airlines**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan il-gudizzju jirrigwarda appell principali maghmul mill-atturi, u appell incidentali maghmul mis-socjeta` konvenuta Focal Maritime Services Limited [FMSL] u mis-socjeta` konvenuta Thomas Smith & Co. Ltd [TSCL], mis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet hekk:

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet Focal Maritime Services Limited u Thomas Smith & Co. Limited in kwantu l-istess huma inkonsistenti ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li tilqa' it-tieni eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta' Delta Airlines Inc. u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li tilqa' l-ewwel u tielet eccezzjoni tas-socjeta' Air Malta plc u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li fil-konfront tas-socjeta' attrici Trident s.r.l **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici limitatament ghal dawk proposti minn Dr. Anna Mallia bhala mandatarja specjali ta' l-organizzazzjoni estera Commercial Italian American Association (CIAO) fil-konfront tas-socjetajiet Focal Maritime Services Limited u Thomas Smith & Co. Limited** b'dan illi:-

"1. Tiddikjara s-socjetajiet konvenuti Focal Maritime Services Limited u Thomas Smith & Co. Limited responsabbli solidalment bejniethom ghad-danni kkawzati lill-organizzazzjoni estera Commercial Italian American Association (CIAO) kif hawn debitament rappresentata talli l-merkanzija f'*Airway Bills* (Dok "B" u "C") tal-14 ta' Frar 2001 waslet tardivament u wara z-zmien li kienet

ordnata li tasal New York, Stati Uniti u talli kien hemm nuqqasijiet u hsarat f'tali merkanzija;

"2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-istess organizzazzjoni estera Commercial Italian American Association (CIAO) kif hawn debitament rappresentata fl-ammont ta' tliet elef u mitjen ewro (€3,200).

"3. Tikkundanna s-socjetajiet konvenuti Focal Maritime Services Limited u Thomas Smith & Co. Limited solidalment bejniethom ihallsu lill-istess organizzazzjoni attrici estera Commercial Italian American Association (CIAO) kif hawn debitament rappresentata l-ammont ta' tliet elef u mitjen ewro (€3,200) hekk likwidat bl-imghax kummercjali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.

"Illi minhabba in-natura tal-kaz l-ispejjez ghandhom jithallsu bin-nofs bejn l-atturi u s-socjetajiet konvenuti Focal Maritime Services Limited u Thomas Smith & Co. Limited, b'dan li l-ispejjez tas-socjeta' Air Malta plc u Delta Airlines ghandhom jithallsu mis-socjetajiet attrici."

**2.** L-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

"Illi fl-ewwel lok din il-Qorti thoss li in vista tal-osservazzjoni tas-socjetajiet attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom qed tigi ordnata li ssir korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza b'dan li Dr. Tonio Fenech u Dr. Nicolai Vella Falzon ghandhom jigu indikati bhala mandatarji specjali tas-socjeta' Delta Airlines u f'dan is-sens id-digriet tat-28 ta' Ottubru 2005 qed jigi emendat proprju fis-sens li l-istess Dr. Tonio Fenech u Dr. Nicolai Vella Falzon issostitew lill-kuraturi deputati hemm indikati fil-veste taghhom bhala mandatarji specjali tal-istess socjeta', kif fuq kollox huwa indikat minnhom fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-istess socjeta' Delta Airlines.

"Illi f'din il-kawza s-socjetajiet attrici Commercial Italian American Organisation (CIAO) u s-socjeta` Trident s.r.l.

qed jallegaw li huma inkarigaw lis-socjeta’ Focal Maritime Services Limited (FMSL) sabiex tibghat l-merkanzija taghha minn Malta ghall-New York, u din minn naha taghhom qabdet lis-socjeta’ Thomas Smith & Co. Ltd (TSCL) tiehu hsieb l-istess (Dok. “B”) u l-merkanzija telqet minn Malta b’titjira ta’ Air Malta plc (KM) u mbaghad mal-Delta Airline (DL) skont *air way bill* datata 14 ta’ Frar 2001 (Dok. “C”, u ghalkemm l-istess merkanzija kellha tasal fit-22 ta’ Frar 2001, din waslet wara is-26 ta’ Frar 2001, u meta wasslet kien hemm nuqqas u hsarat, u ghalhekk qed titlob li tithallas id-danni kemm minhabba li l-istess merkanzija waslet tard u kemm minhabba n-nuqqasijiet u hsarat fl-istess merkanzija.

“Illi l-merkanzija kienet tikkonsisti f’ikel u xorb minn produtturi mill-provincja ta’ Trapani li kellha tigi kkonsenjata fi New York ghal fiera, in-*New York Restaurant and Food Services Show*, illi kellha tinzamm bejn il-25 u s-27 ta’ Frar ta’ l-2001 u fil-fatt qed jigi allegat li l-istess socjetajiet attrici soffrew danni minhabba nuqqas ta’ konsenja ta’ l-istess.

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta’ attrici Trident talbet lis-socjeta’ FMSL sabiex taghmel l-arrangamenti necessarji sabiex il-merkanzija li kienet ilha Malta xi hmistax tigi trasporatata New York sat-22 ta’ Frar 2001 (Dok. “A”), u fil-fatt jidher li l-istess socjeta’ konvenuta accettat dan l-inkarigu tant li effettivament, hija wara li kkomunikat ma’ TSCL, (Dok. “Bii), ikkonfermat lis-socjeta’ attrici (Dok. “C” – fol. 56) bil-modalitajiet u r-rati tal-istess tragitt.

“Illi sadanitant jirrizulta li TSCL harget *House Airway Bill* li fiha indikat li kienet ser twassal il-merkanzija fi New York sat-22 ta’ Frar 2001 (Dok. “D”). u dan jinsab ikkonfermat f’korrispondenza mibghuta minn TSCL lil FMSL datata 15 ta’ Frar 2001 (Dok. “E” – fol. 58).

“Illi sabiex issir dan it-tragitt l-istess socjeta’ TSCL inkarigat lill-KM kif jidher mill-*Airway Bill* datata 13 ta’ Frar 2001 (Dok. “0” – fol. 68), fejn is-socjeta’ TSCL hija indikata bhala *“shipper”,* u dan sabiex titrasporta l-istess

merkanzija minn Malta ghall J.F. Kennedy Airport New York, b'dan li l-ewwel parti tat-tragitt Malta ghall Brussels kien ser jigi trasportat minn KM mentri it-tieni parti tat-tragitt minn Brussel ghal New York kellhu jsir minn DL.

“Illi jirrizulta li effettivament l-istess merkanzija ma waslitx l-Istati Uniti fid-data indikata, u dik il-merkanzija li waslet kienet fil-fatt in parte danneggata u in parte nieqsa wkoll. Mill-istess provi jirrizulta li l-merkanzija kienet ingabret minnn TSCL fi stat tajjeb u fil-fatt harget l-*House Air Way Bill* relattiva minghajr ebda kummenti; l-istess merkanzija jirrizulta li giet ricevuta fi stat tajjeb mill-KM tant li fl-*air way bill* mahruga minnha ma hemm ebda indikazzjoni li l-istess merkanzija kellha xi tip ta' hsara.

“Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li mid-dokumenti esebiti jirrizulta li effettivament is-socjeta' FMSL ghandha relazzjoni mas-socjetajiet attrici u dan kif indikat mid-dokumenti fuq indikati fejn jidher li l-istess socjeta' FMSL accettat l-inkarigu li hija tiehu hsieb sabiex torganizza sabiex l-istess merkanzija tasal New York sad-data indikata, u fil-fatt ghamlet l-arrangamenti neccesarji ghall-istess u mhux biss ikkonfermathom mas-socjeta' attrici, izda wkoll talbet hlas ghall-istess minghand Trident kif jidher minn Dok. “T2” (fol.117). Fil-fatt l-ewwel eccezzjoni tal-istess socjeta' FMSL tghid li hija ghamlet dak kollu necessarju u mitlub minnha sabiex twassal il-merkanzija fi New York, u mela allura l-istess socjeta' FMSL kienet taf sew x'inhu l-inkarigu taghha. Il-fatt li hija qabdet lis-socjeta' TSCL sabiex taghmel l-arrangament necessarji ma tezimhiex mill-istess responsabbilita'.

“Illi fir-rigward tas-socjeta' TSCL jinghad li mill-*Airway Bill* mahrug minnha stess (Dok. “B”), dak indikat bhala *house airway bill*, jidher car u manifest illi fil-fatt kien hemm rabta bejnha u bejn is-socjeta` attrici CIAO. Fil-fatt is-socjeta` CIAO fuq dan id-dokument hija indikata bhala x-*shipper* u cioe` dik illi qed tibghat il-merkanzija filwaqt illi TSCL hija indikata bhala l-*carrier* u cioe` dik mghonija bl-inkarigu illi twassal il-merkanzija sad-destinazzjoni.

"Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess socjeta' TSCL mhux biss accettat l-inkarigu moghti lilha mis-socjeta' FMSL izda wkoll dahlet f'relazzjoni diretta mas-socjeta' attrici CIAO permezz tad-dokument fuq appena indikat u wkoll mill-*Airway Bill* (Dok. "0") li f'dan il-kaz jirrizulta illi x-*shipper* huwa indikat bhala s-socjeta` TSCL filwaqt illi l-*carrier* hija l-Air Malta p.l.c u b'hekk jirrizulta li l-istess socjeta' TSCL assumiet l-inkarigu li tara li l-istess merkanzija tigi trasportata lejn New York, b'dan li assumiet responsabilita' tal-istess arrangamenti sabiex l-istess jasslu fi New York sad-data tat-22 ta' Frar 2001, u dan anke kif jidher mill-korrispondenza bejn iz-zewgt socjetjiet konvenuti hawn indikati u partikolarment kif dan jirrizulta minn Dok. "A", "C" "D" u "E" annessi man-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' FMSL.

"Illi fil-fatt jinghad li jirrizulta li s-socjeta` TSCL hadhet l-inkarigu u fil-fatt harget *House Airway Bill* (Dok. "B" – fol. 13) lis-socjeta` CIAO ghal garr ta' merkanzija deskritta bhala *exhibition materials* b'terminu ghall-konsenja li fuq l-*Airway Bill* huwa indikat bhala t-22 ta' Frar 2001. Fit-13 ta' Frar 2001 harget *Airway Bill* mis-socjeta' KM fejn TSCL hija indikata bhala *shipper* sabiex l-istess merkanzija tingarr direttament lejn l-Amerika bil-mod hemm indikat bl-ajru (fol. 63) u ghalhekk din il-Qorti thoss li dan jindika wkoll li TSCL dahlet f'relazzjoni ma' l-istess socjeta' attrici, fl-inkarigu taghha sabiex tara li l-istess merkanzija tasal fid-destinazzjoni ndikata fit-terminu ndikat.

"Illi dwar il-garr tal-istess merkanzija jirrizulta li l-merkanzija inhadhet minn KM fis-16 ta' Frar 2001 (Dok. "VD2") u giet trasporatata fit-18 ta' Frar 2001 fuq KM 941 ghal Brussels, kif jinsab indikat fil-manifest (Dok. "VD3"). Illi l-istess merkanzija waslet Brussels u l-Air France, *handling agent ta' Delta Airlines*, fl-istess ajruport, bdiet tinsisti ghall-*Security Declaration*, li skont KM qatt ma kienet rikjesta qabel, u attwalment l-Air France ikkoncediet li ma kienitx necessarja b'telex datata 17 ta' Frar 2001 (Dok. "VD 4").

"Illi solvuta din il-problema jirrizulta li qamet problema ohra tant li wara jumejn (20 ta' Frar 2001) li l-istess merkanzija

kienet fi Brussels, l-Aviapartners, *handling agents tal-Air Malta* f'dan l-ajruport informaw lill-istess Air Malta li l-imballag kien difettuz u kellhu jsir *re-packing*, u jidher mill-kumpless tal-provi li hawn kompliet il-problema li tat lok ghall kawza odjerna, ghaliex jirrizulta li fit-tragitt bejn Malta u Brussels u/jew waqt li l-merkanzija kienet Brussels qabel ma giet mehuda mis-socjeta' DL, l-istess merkanzija ma' kienitx la fi stat tajjeb sabiex is-socjeta' DL tiehu konsenja taghha u wkoll kien hemm problemi dwar l-identifikazzjoni tal-istess merkanzija, tant li l-istess merkanzija giet trasporatata mhux fl-istess gurnata izda f'bicciet b'dan li l-ewwel partita marret fil-21 ta' Frar 2001 izda l-istess trasportazzjoni baqghet sejra sa' Marzu 2001 (Dok. "VD 5" – fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 2435/01 fl-ismijiet premessi, wara ir-rikors mill-Air Malta p.l.c datat 8 ta' Ottubru 2001 - Numru 1614/01/GC).

"Illi minn dan kollu jirrizulta li n-nuqqasijiet ghaliex effettivament l-istess merkanzija ma' waslitx fil-hin u bin-nuqqas huma tas-socjeta' KM minhabba nuqqas ta' *packing* sew u minhabba nuqqas ta' identifikazzjoni tal-oggetti minnha, u dan ghaliex hija responsabbli ghall-agir taghha bhala trasportatrici u wkoll tal-*handling agents* taghha fi Brussels (Dok. "VD 11"). Fl-istess waqt la darba hija dahlet f'relazzjoni mas-socjeta' TSCL, il-fatt li hija qabdet lill DL ghall dik il-parti ta' tragitt li minn Brussels kellha twassal l-merkanzija ghall-Amerika, xorta jwassal ghar-responsabilita' taghha verso TSCL, salv kull rikors li hija jista' jkollha kontra DL, liema relazzjoni lanqas hija l-mertu ta' din il-kawza. Dan anke jekk b'xi mod tigi kkonsidrata t-tezi li l-KM ikkonsenjat il-merkanzija kollha lill DL, kif qed tghid li ghamlet skont skont "VD 5", dokument li fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma jwassalx sabiex tigi accettata t-tezi ta' KM, kemm peress li l-istess dokument mhux konklussiv f'dan ir-rigward u kemm minhabba provi ohra li juru li l-istess merkanzija ma kienitx fi stat tajjeb u ben identifikata meta wasslet Brussels.

"Illi tenut kont pero' ta' kif hija redatta c-citazzjoni attrici jirrizulta minn dak li gie hawn deciz li ma hemm ebda rabta kontrattwali bejn l-atturi u s-socjetajiet trasportaturi KM u DL u jidher li fil-fatt ir-relazzjoni ta' dawn ta' l-ahhar

kienu biss mas-socjeta' TSCL u dan kif jirrizulta mill-*airway bill* (Dok. "C") li tindika lill TSCL bhala *shipper* u l-*carrier* bhala l-Air Malta p.l.c. Ma jidher illi hemm l-ebda konnessjoni bejn din ta' l-ahhar u l-atturi. L-istess jirrizulta illi kien il-kaz fir-rigward tas-socjeta` Delta Airlines Inc.. Ir-rabta kontrattwali ma' l-atturi huwa f'dan il-kaz iktar remota *stante* illi kienet s-socjeta` Air Malta illi giet inkarigata sabiex twassal il-merkanzija minn Brussell ghal New York. Ma kien hemm l-ebda involviment da parti ta' l-atturi f'dan is-sens.

"Illi allura din il-Qorti thoss li fid-dawl ta' dan kollu u l-provi prodotti jirrizulta li s-socjetajiet FMSL u TSCL assumew ir-responsabilita' li jwasslu l-merkanzija kollha fid-destinazzjoni indikata lilhom u kellhom jaghmlu l-arrangament kollha biex dan isehh u dan ukoll fiz-zmien hemm stabilit, u ghalhekk huma responsabbli ghad-danni kkagunati fl-istess merkanzija u wkoll ghad-danni li l-organizzazzjoni allegatment soffriet minhabba n-nuqqas ta' spedizzjoni tal-istess merkanzija fiz-zmien stipulati, liema danni ovvjament iridu jigu ppruvati.

"Illi dwar l-eccezzjonijiet l-ohra imressqa mill-konvenuti KM u DL dawn jinvokaw artikoli mill-**Konvenzjoni ta' Varsavja – Convention for the Unification of Certain Rules relating to International Carriage by Air** iffirmata f'Varsavja fl-1929 li taghmel parti mill-ordinalment guridiku Malti u fil-fatt is-socjeta' DL eccepiet illi din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tisma' u tiddeciedi kontra l-imsemmija socjeta' u dan abbazi tal-**artikolu 28 tal-Konvenzjoni** li l-ewwel sub-inciz jipprovdi s-segwenti:

*""An action for damages must be brought, at the option of the plaintiff, in the territory of one of the High Contracting Parties, either before the Court having jurisdiction where the carrier is ordinarily resident, or has his principal place of business, or has an establishment by which the contract has been made or before the Court having jurisdiction at the place of destination."*

"Illi la darba jirrizulta fil-fatt illi din is-socjeta` ma ghandhiex ir-residenza ordinarja taghha f'Malta, lanqas il-*principal*

*place* of business u lanqas *an establishment* f'Malta mela allura din l-eccezzjoni hija ben fondata.
"Illi in kwantu ghas-socjeta` KM li eccepit bit-tielet eccezzjoni taghha li s-socjeta' attrici ma segwietx it-termini tal-kondizzjonijiet tat-trasport riferibilment ghall-avviz li kellhu jinghata mir-ricevitur ghall-allegat dewmien fil-merkanzija saret riferenza ghall-artikolu 12 tal-istess *Airway Bill* (fol. 463) li jipprovdi li:-

*""The person entitled to delivery must make a complaint to the carrier in writing in the case:*

*"12.1.1. of visible damage to goods, immediately after discovery of the damage and at least within fourteen days from the receipt of the goods.*
*"12.1.2. of other damage to the goods, within fourteen days from the date of receipt of the goods.*

*"12.1.3 of delay within twenty one (21) days of the date the goods are placed at his disposal and*

*"12.1.4 of non-delivery of goods within one hundred and twenty (120) days from the date of the issue of the airway bill."*

"Illi skont is-sentenza **"Joseph Felice Pace nomine vs Albert Mizzi nomine"** (A.C. – 25 ta' Jannar 1992) jinghad li tali ilment ghandu jsir mir-ricevitur jew destinatarju u dan ghandu jsir bil-miktub – anke skont l-**artikolu 26 (2) u (3) tal-Konvenzjoni** u jirrizulta li f'dan il-kaz ma' sar l-ebda ilment bil-miktub mid-destinatarju tal-istess merkanzija cjoe' Bax Global mas-socjeta' KM fit-terminu ndikat; saret *claim* biss fl-10 ta' Awissu 2001 mill-atturi (fol. 188) li anke jekk applikabbli (li ma hijiex) din hija il-boghod mit-termini fuq indikati u ghalhekk kull talba li setghet issir a bazi tal-istess Air Way Bill kontra l-istess socjeta' KM ma tistax treggi peress li tali procedura ma' gietx segwieta fit-termini indikati u dan huwa perjodu ta' dekadenza. **"Galdes & Mamo Limited et vs Lufthansa Cargo A.G. et"** (A.C. – 1 ta' Frar 2008).

“Illi dwar l-eccezzjoni li s-socjeta’ mhux responabbli skont l-**artikolu 20 tal-Konvenzjoni** dan hija issa biss kunsiderazzjoni purament akkademika ghalkemm jinghad li l-istess artikolu jipprovdi li:-

*““The carrier is not liable if he proves that he and his agents have taken all necessary measures to avoid the damage or that it was impossible for him or them to take such measures.*

*“(2) In the carriage of goods and luggage the carrier is not liable if he proves that the damage was occasioned by negligent pilotage or negligence in the handling of the aircraft or in navigation and that, in all other respects, he and his agents have taken all necessary measures to avoid the damage.”*

“F’dan is-sens l-**artikolu 1904 (1) tal-Kap. 16** jipprovdi illi:

*““Id-depozitarju ghandu jrodd dik il-haga stess li jkun ircieva, fl-istat li din tkun tinsab fiz-zmien tar-radd”.*
“Illi din il-Qorti thoss li kieku l-kawza kienet diretta lejn is-socjeta’ KM ghaliex ghandha relazzjoni kuntrattwali mal-atturi, li fil-fatt ma ghandhiex, u kieku ma’ gietx milqugha it-tielet eccezzjoni tal-istess socjeta’ konvenuta, ir-responsabilita’ fuq l-*Air Way Bill* tas-socjeta’ KM tissussti *in vista* tal-fatt li jidher li l-istess socjeta’ KM kienet negligenti fil-garr ta’ l-istess u dan anke in vista tal-fatt li l-istess merkanzija ma kienitx ippakjata sew meta waslet fi Brussels u wkoll minhabba li l-kumpanija inkarigata bit-trasport ta’ merkanzija naqset milli ssegwi l-moviment ta’ dik il-merkanzija u ssegwi l-process kollu mehtieg ghat-trasport.

“Illi dwar l-eccezzjoni l-ohra a bazi tal-**artikolu 22 (2) tal-Konvenzjoni** din il-Qorti biss fuq konsiderazzjonijiet ormai akkademici tirreferi ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet “**Lloyds Malta Limited noe vs Air Malta plc”** (deciza fil-25 ta’ April 2008) fejn wara li gew issotolineati l-obbligi tad-depozitarji li jrodd l-oggett fdat f'idejh, u jekk jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa responsabbli ghat-telf jew hsara li tali nuqqas igib lil min

ikun ghamel id-depozitu, salv f'kaz li jipprova l-kawza fortuwita bhala motiv ta' l-esenzjoni tieghu mill-hsara li ssofri l-haga depozitata; din il-prova trid issir minn min jeccepixxi din id-difiza (ara **Dimech v. Kummissarju tal-Pulizija**, A.C. - 29 ta' April, 1996); **“Cordina Insurance Agency Ltd v. Air Malta plc”** A.I.C (PS) - 1 ta' Novembru 2006) u sostniet li din il-limatazzjoni ma’ tapplikax biss f’kaz ta’ *wilful misconduct* li ghalkemm ma jezistix fil-Ligi Maltija izda xorta rritentiet illi l-limitazzjoni ta’ responsabilita` ma kellhiex tapplika meta kumpanija inkarigata bit-trasport ta’ merkanzija tonqos illi ssegwi l-moviment ta’ dik il-merkanzija u ssegwi l-process kollu mehtieg ghat-trasport u dan ghaliex kumpanija inkarigata bi trasport ta' merkanzija trid ikollha rekord tal-moviment ta' dik il-merkanzija u kontrolli sufficjenti biex tara li l-merkanzija verament tkun qed issegwi l-process mehtieg ghat-trasport.

“Illi in kwantu ghad-danni subiti mill-atturi, id-danni reklamati minnhom jammontaw in kwantu ghall-organizazzjoni CIAO, jammontaw ghal €352,392.05 u in kwantu ghas-socjeta` Trident s.r.l. jammontaw ghal €6,675.25 (Dok. “T 2” – affidavit Av. Gaspare Panfalone (fol.114)) li jirrapprezentaw il-kont li harget is-socjeta’ FMSL li baqa’ ma giex imhallas u ghalhekk tali talba ma tistax tigi milqugha peress li effettivament l-istess socjeta’ attrici ma hallset l-ebda ammont u allura ma hemm ebda danni x’jigu likwidati u rrimborsati fil-konfront taghha.

“Illi kwantu ghad-danni mitluba mill-Organizazzjoni CIAO dawn huma konsistenti f’rimbors illi sar lill-produtturi li hadu sehem fil-fiera; f’zewg self bankarji illi l-organizazzjoni qed isostni illi kellha tiehu b’rizultat ta’ dak illi gara fil-fiera ta’ l-2001 u f’nuqqas ta’ qliegh fis-snin sussegwenti.

“Illi jirrizulta illi fir-rigward ta’ l-ammont illi CIAO fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom is-socjetajiet issostnu li huma hallsu lura lill-produtturi partecipanti fil-fiera l-ammont globali ta’ €26,616.19.

“Illi fl-ewwel lok jinghad li din il-Qorti taqbel ma’ dak indikat fin-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta’ DL, fejn ghar-rigward tal-ammont totali allegatament mitlub mill-prodotturi, ma jistawx jigu kkunsidrati bhala danni dawk l-ispejjez indikati bhala spejjez biex rappresentanti siefru u kienu allogati fi New York (li wkoll ma hemm l-ebda prova taghhom), u dan peress li l-istess ammonti ma jistghux jigu kkunsidrati bhala danni naxxenti minn nuqqas ta’ konsenja jew hsara fil-merkanzija. Dan apparti li prova ta’ pagament tal-istess ammonti ma’ jirrizultax mill-process.

“Illi dwar id-danni l-ohra riklamati ghall-total ta’ Euro 3,200 jista’ jinghad li l-istess gew ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

“Illi dak li gie indikat bhala self bankarju ammontanti ghal €78,708.71 ghaliex is-socjeta’ attrici CIAO isostni illi kellha tiehu dan is-self b’rizultat tat-telf illi garrbet minhabba l-inadempjenza tal-konvenuti, izda din il-Qorti ma tinsabx sodisfatta dwar il-provi migjuba f’dan is-sens in kwantu ma jirrizultax sufficjentement ippruvat illi s-self sar b’konsegwenza tal-hsara illi soffriet l-attrici. Illi din il-Qorti tirrileva in oltre illi l-organizazzjoni CIAO rciviet is-somma ta’ €87,797 minghand il-provincja ta’ Trapani.

“Illi l-istess entita’ attrici tghid li soffriet telf ta’ profit fl-ammont ta’ €117,942.72 u dan ghaliex tilmenta li sofriet danni konsegwenzjali in kwantu hi sofriet hsara fir-reputazzjoni taghha wara pubblikazzjoni f’gazzetti varji rigward l-akkadut. Issostni wkoll illi wara din il-fiera, l-organizzazzjoni ma inghatatx inkarigu iehor. Isostni wkoll illi l-unika raguni ghalfejn ma inghatatx inkarigu iehor l-esperjenza hazina ta’ din il-fiera. Illi l-attrici tilmenta illi l-gvern Taljan, li jirrizulta illi kien l-uniku klijent ta’ l-organizzazzjoni attrici, ma tahiex l-inkarigu fis-snin sussegwenti minhabba dak illi gara fis-sena 2001. Jirrizulta wkoll illi kienu saru pubblikazzjonijiet fil-gazzetti Taljani illi xandru dak illi kien gara. Pero` jirrizulta wkoll illi l-inkarigu kien jinghata lill-attrici CIAO minn sena ghal sena. Ma ttellghet l-ebda prova f’dan is-sens illi tikkonferma illi fil-fatt fis-snin ta’ wara l-gvern Taljan kien ser jinkariga lilha in ogni kaz u li fis-snin ta’ wara ma

inkarigax lill-attrici minhabba r-ragunijiet li qed tallega hi. Din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq unikament fuq ix-xhieda ta' Josephine Azzaro dwar dan. Hija stess fil-fatt, in kontro-ezami, tghid illi l-kuntratt fis-snin sussegwenti seta' jittiehed minn haddiehor (fol. 569) u ma kien hemm ebda rabta' jew certezza jew ftehim li hekk kien ser issir fis-snin sussegwenti u ghalhekk anke dan l-ammont ta' danni ma' giex ippruvat.

"Illi ghalhekk din il-Qorti thoss tilqa' t-tieni u t-tielet talba tal-entita' attrici Commercial Italian American Association (CIAO) fil-konfront tas-socjetajiet Focal Maritime Services Limited u Thomas Smith & Co. Limited fl-ammont ta' tlett elef u mitjen Euro (Euro 3,200) flimkien u solidalment bejniethom."

**3.** L-atturi appellaw minn din is-sentenza, u talbu li din il-Qorti:

"… … joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Marzu 2009 billi tikkonfermaha inkwantu laqghet it-talbiet attrici limitatament ghal dawk proposti mill-appellanti noe fil-konfront tas-socjetajiet Focal Maritime Services Limited u Thomas Smith & Co. Limited u ddikjarat li dawn iz-zewg socjetajiet konvenuti Focal Maritime Services Limited u Thomas Smith & Co. Limited responsabbli solidalment bejniethom ghad-danni kkawzati lill-organizzazzjoni estera Commercial Italian American Association (CIAO) kif hawn debitament rapprezentata talli l-merkanzija f'Airway Bills (Dok B u C) tal-14 ta' Frar 2001 waslet tardivament u wara z-zmien li kienet ordnata li tasal New York, Stati Uniti u talli kien hemm nuqqasijiet u hsarat f'tali merkanzija; u tirrevokaha inkwantu awtorizzat lil Delta Airlines jissottomettu l-eccezzjonijiet ulterjuri u sussegwentement laqghet it-tieni eccezzjoni ulterjuri tal-istess Delta Airlines u inkwantu laqghet l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-Air Malta u tirrevokaha fejn fit-tieni talba tal-esponenti kienu likwidati danni komplessivi ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200) u minflok din l-Onorabbli Qorti tillikwida favur l-esponenti Ciao d-danni subiti inkluz telf ta' qliegh tal-istess esponenti; u tirrevokaha inkwantu cahdet

it-talbiet ta' Trident u tillikwida favur l-esponenti d-danni hekk likwidati u konsegwentement in vista tat-tielet talba tal-esponenti tordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallas lill-esponenti d-danni li din l-Onorabbli Qorti ser tillikwida bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellati jew minn minnhom."

**4.** Is-socjeta` konvenuta FMSL ipprezentat risposta ghall-appell tal-atturi, u wkoll ipprezentat appell incidentali, u talbet li din il-Qorti joghgobha:

"… … tichad l-appell interpost mis-socjetajiet atturi appellanti bl-ispejjez kontra taghhom,

"u fit-tieni lok inkwantu qieghed isir appell incidentali u filwaqt illi taghmel referenza ghall-provi gia` prodotti u tirriserva li tressaq dawk il-provi kollha permessi mil-ligi fi stadju ta' appell, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-26 ta' Marzu 2009 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili inkwantu s-socjeta` esponenti nstabet responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjetajiet attrici appellanti u kkundannata thallas is-somma ta' tlett elef u mitejn Ewro [€3,200.00] bhala danni u bl-imghax kummercjali solidalment ma' Thomas Smith & Co. Ltd, u nofs l-ispejjez tal-kawza mal-konvenuta l-ohra Thomas Smith u l-atturi.
"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetajiet atturi appellanti."

**5.** Is-socjeta` konvenuta TSCL ipprezentat risposta ghall-appell tal-atturi, u wkoll ipprezentat appell incidentali, u talbet li din il-Qorti joghgobha:
"… … tichad l-appell interpost mis-socjetajiet atturi appellanti bl-ispejjez kontra taghha u fit-tieni lok inkwantu qed isir appell incidentali u filwaqt li taghmel riferenza ghall-provi diga` prodotti u tirrizerva li tressaq dawk il-provi kollha permessi mil-ligi fi stadju ta' appell, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi fit-3 ta' April 2009 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili inkwantu s-socjeta` esponenti nstabet responsabbli ghad-danni fil-

konfront tas-socjetajiet attrici appellanti u kundannati jhallsu s-somma ta’ tlett elef u mitejn Ewro (€3,200.00) bhala danni, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetajiet atturi appellanti.”

**6.** Is-socjeta` Air Malta plc ipprezentat risposta ghall-appell principali tal-atturi, li permezz taghha talbet li dan l-appell jigi michud bl-ispejjez; u wkoll irrispondiet ghall-appell incidentali tas-socjeta` TSCL hekk:

“… … ghar-ragunijiet imsemmija, kif ukoll ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta ga` pprezentata mill-esponenti, l-esponenti umilment tirrileva illi hija taqbel mal-appell incidentali ta’ Thomas Smith & Company Limited, safejn qieghdha tigi attakkata dik il-parti tas-sentenza tal-Onorabbli Prim Awla illi sabet illi l-atturi sofrew danni fis-somma ta’ €3,200, u bir-rispett tissottometti illi t-talbiet attrici ghandhom minflok jigu michuda bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi.”

**7.** Is-socjeta` Delta Airlines ipprezentat risposta ghall-appell principali tal-atturi, li permezz taghha talbet li dan l-appell jigi michud bl-ispejjez; u wkoll ipprezentat risposta ghal-appell incidentali tas-socjeta` TSCL fejn talbu l-konferma tas-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti;

**8.** Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Il-Fatti**

**9.** Is-socjeta` estera attrici Commercial Italian Association Organisation [CIAO] kienet inghatat l-inkarigu mill-Provincja ta’ Trapani, sabiex torganizza l-garr ta’ prodotti tal-ikel mill-Italja ghal New York fil-Javis Convention Centre, biex jigu ezebiti fil-fiera li kienet ser tinzamm hemmhekk mill-25 sas-27 ta’ Frar 2001. CIAO, min-naha taghha inkarigat lis-socjeta` estera Trident s.r.l biex torganizza t-trasport tal-*exhibition material.*

**10.** Inizjalment, il-hsieb kien li t-trasport tal-oggetti kellu jsir bil-bahar, u di fatti dawn twasslu Malta bil-bahar, izda

minhabba problemi li nqalghu ma kienx possibbli li l-vjagg lejn New York jitkompla bil-bahar, bir-rizultat li l-oggetti baqghu Malta fil-Freeport ghal circa hmistax-il gurnata. Fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi, u tenut kont li l-hsieb kien li l-oggetti jaslu New York qabel it-22 ta' Frar 2001, is-socjeta` Trident s.r.l ikkomunikat mas-socjeta` konvenuta Focal Maritime Services Limited [FMSL] ghall-ghajnuna f'dan ir-rigward. Meta din is-socjeta` nformat lill-istess socjeta` Trident s.r.l. li seta' jigi organizzat trasport bl-ajru, l-atturi accettaw, u nkarigaw lill-istess socjeta` konvenuta FMSL sabiex torganizza t-trasport tal-oggetti bl-ajru. Din min-naha taghha nkarigat lis-socjeta` konvenuta l-ohra Thomas Smith & Co. Ltd [TSCL] sabiex titrasporta dan l-*exhibition material* ghal New York. Din is-socjeta` min-naha taghha nkarigat lis-socjeta` konvenuta Air Malta plc. sabiex titrasporta dan il-materjal bl-ajru lejn New York. Min-naha taghha, din il-kumpanija tal-Ajru, peress li ma kellhiex titjiriet diretti lejn New York, inkarigat lis-socjeta` konvenuta Delta Airlines sabiex, wara li l-merkanzija tasal Brussell, permezz ta' titjira mal-Air Malta, din tingabar mis-socjeta` estera konvenuta Delta Airlines sabiex titrasporta l-oggetti minn Brussell ghal New York.

**11.** Konsegwentement fl-14 ta' Frar 2001 inhargu mis-socjeta` TSCL zewg *airway bills*, wiehed *House Airway Bill*[1], u l-iehor *Airway Bill*. Fuq il-*House Airway Bill* is-socjeta` attrici CIAO tidher bhala *Shipper*, filwaqt li s-socjeta` TSCL tidher bhala *Agent.* Fuq dan l-istess dokument, taht l-intestatura *"Nature of goods"* hemm imnizzel is-segwenti: *"Exhibit Materials, Door/Door, D/Line Deliver Feb.22".* Fuq l-*Airway Bill*[2], is-socjeta` konvenuta TSCL tidher bhala *Issuing Carrier & Agent*, filwaqt li s-socjeta` estera Bax Global tidher bhala *Consignee*.

**12.** Illi, ghalkemm fil-provi hemm kuntrast dwar id-data meta l-oggetti telqu minn Brussell, jidher li skont il-pjan ta' TSCL l-oggetti kellhom jaslu Brussell fid-19 ta' Frar 2001 sabiex jitilqu lejn New York dakinhar stess, izda mal-wasla tal-merkanzija fi Brussell inqalghu zewg problemi bir-

---

[1] Dok.B fol. 13
[2] Dok. C fol. 14

rizultat li parti biss mill-materjal wasal New York, fis-26 ta' Frar 2001, filwaqt li l-kumplament tal-materjal wasal wara li kienet spiccat il-fiera. Inoltre, dik il-parti li kienet waslet fiz-zmien tal-fiera, kienet danneggjata[3]. Iz-zewg problemi principali, kienu s-segwenti: it-talba [li wara rrizultat li kienet ingustifikata] da parti tas-socjeta` konvenuta Delta Airlines ghall-hrug ta' *security declaration* qabel ma accettaw il-konsenja; u l-ippakkjar hazin tal-materjal li eventwalment kellu jerga' jigi ppakkjat a kura u a spejjez tas-socjeta` konvenuta Air Malta.

**13.** Is-socjeta` attrici CIAO tghid li hi sofriet danni, konsistenti f'telf ta' flus, kif ukoll hsara fir-reputazzjoni taghha, bir-rizultat li, skont hi, ma haditx aktar kuntratti ta' dan it-tip mill-gvern Taljan. Dwar l-oggetti danneggjati saret *claim* min-naha taghha fl-10 ta' Awwissu 2001.[4]

## Appell tal-atturi nomine

**14.** Illi l-atturi nomine jibbazaw l-appell taghhom fuq hames aggravji. L-ewwel aggravju jirrigwarda d-digriet moghti mill-ewwel Qorti fis-26 ta' April 2006, u l-kundizzjonijiet imposti fil-Konvenzjoni ta' Varsavja[5]; it-tieni aggravju jirrigwarda l-ispartizzjoni tal-ispejjez mill-ewwel Qorti; it-tielet aggravju jirrigwarda l-imghaxijiet fuq il-*quantum* tad-danni determinat fis-sentenza; ir-raba' aggravju jirrigwarda l-vertenza dwar ir-relazzjoni guridika bejn l-atturi u s-socjeta` konvenuta Air Malta, kif ukoll il-kundizzjonijiet imposti mill-Konvenzjoni ta' Varsavja; il-hames aggravju jirrigwarda l-materja tal-*quantum* tad-danni.

**15.** *L-Ewwel Aggravju*

Dan l-aggravju fir-realta` jikkonsisti f'zewg partijiet.

[3] Cargo Inspection Form & Claim Form – Deltra Air Cargo – 25/2/2001 maghmula minn Bax Global – Fol.125
[4] Fol.134
[5] Din il-konvenzjoni tifforma parti mil-ligi ta' malta permezz ta' LS 499.24 -

**16.** L-ewwel parti tirrigwarda digriet[6] moghti mill-ewwel Qorti fis-26 ta' April 2006 li permezz tieghu dik il-Qorti kienet laqghet it-talba maghmula mis-socjeta` konvenuta Delta Airlines, b'rikorsipprezentat fis-7 ta' Frar 2006, sabiex din tigi awtorizzata tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri fuq dik prezentata precedentement mill-kuraturi deputati li kienu jirrapprezentawha f'dak iz-zmien.

**17.** L-atturi jibbazaw dan l-aggravju fuq zewg premessi: [1] li r-rikors relattiv gie pprezentat hames snin wara li bdiet il-kawza, u tliet snin [recte: xhur] mis-sostituzzjoni tal-mandatarji specjali prezenti, u [2] li l-eccezzjonijiet ulterjuri huma bazati fuq fatti li l-imsemmija socjeta` kienet taf bihom qabel.

**18.** Il-fatti relevanti ghal dan l-aggravju huma s-segwenti.

**19.** B'digriet moghti fl-10 ta' Settembru 2001 kienu gew nominati l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera konvenuta Delta Airlines. Fil-15 ta' Novembru 2001 l-istess kuraturi deputati pprezentaw nota tal-eccezzjonijiet fis-sens li huma ma kienux ghadhom dedotti bil-fatti li taw lok ghal kawza "u jirrizervaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba huma jigu edotti mill-fatti."[7]

**20.** B'digriet moghti fit-28 ta' Ottubru 2005 l-imsemmija kuraturi deputati gew sostitwiti bl-avukati Dottor Tonio Fenech u Dottor Nicholai Vella Falzon bhala mandatarji specjali sabiex jirrapprezentaw lill-istess socjeta` Delta Airlines.

**21.** Fis-7 ta' Frar 2006 il-mandatarji specjali pprezentaw rikors fejn talbu l-awtorizzazzjoni tal-ewwel Qorti ghall-prezentazzjoni ta' nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ghan-nom ta' Delta Airlines. Huma bbazaw it-talba taghhom fuq

[6] Fol. 342
[7] Fol. 44

zewg ragunijiet: [1] li l-ewwel zewg eccezzjonijiet huma ta' natura perentorja stante li jwaqqfu l-azzjoni, u ghalhekk jistghu jinghataw fi kwalunkwe stadju tal-proceduri ai termini tal-Artikoli 731 u 732 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u, inoltre, [2] li kienu jezistu ragunijiet validi fit-termini tal-Artikolu 728 tal-istess Kap, ghall-prezentata taghhom f'dan l-istadju. Dawn ir-ragunijiet huma [a] is-sostituzzjoni tal-kuraturi deputati li, ghalkemm kienu pprezentaw nota tal-eccezzjonijiet formali, izda fis-sustanza ma ssollevaw xejn, ghax ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, kif ukoll [b] iz-zmien ta' tliet xhur impjegat sabiex jaghmlu t-talba taghhom kien dovut ghall-fatt li s-socjeta` rapprezentata minnhom kienet barranija, u wkoll il-komplessita` tal-kaz.  Ghal din it-talba opponew l-atturi u l-konvenuti l-ohra.

**22.** Illi l-ewwel Qorti tat is-segwenti digriet:

"Il-Qorti,

"Rat ir-rikors datat 7 ta' Frar 2006. Rat ir-risposti prezentati. Rat l-atti kollha relattivi. Tilqa' it-talba u tawtorizza l-prezentata ta' tali nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri annessa mar-rikors datat 7 ta' Frar 2006, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri taghhom u tirreferi ghad-digrieti kollha moghtija dwar il-gbir tal-provi quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli."

**23.** Illi fir-rigward, il-Qorti tosserva li l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` Delta Airlines huma ta' natura preliminari, u huma fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni biex tisma' u tiddeciedi l-kawza, kemm skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 742 tal-imsemmi Kap. kif ukoll skont id-dispozizzjoni tal-Artikolu 28 tal-Konvenzjoni ta' Varsavja.

**24.** Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, l-istess socjeta` konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni[8] u ghalhekk illum baqghet vigenti biss it-tieni eccezzjoni bazata fl-Artikolu 28 precitat.

[8] Fol. 672

**25.** Il-Qorti tosserva li jirrizulta car li dawn l-eccezzjonijiet huma ta' natura perentorja peress li jwaqqfu l-azzjoni, u ghalhekk skont l-Artikolu 731 tal-istess Kap. jistghu jinghataw f'kull waqt tal-kawza, anke fl-istadju tal-Appell[9].

Ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju hija nfondata.

**26.** Illi fit-tieni parti ta' dan l-aggravju l-atturi jsostnu li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet li hi ma kellhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi l-kaz kontra s-socjeta` estera Delta Airlines skont l-Artikolu 28 tal-Konvenzjoni ta' Varsavja, u dan peress li l-fatt li din il-kumpanija, skont hi, kellha kuntratt ta' garr ta' merkanzija mal-Air Malta, kumpanija Maltija, allura kellha *'an establishment by which the contract had been made'* fit-termini tal-imsemmi Artikolu.

**27.** Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni, u tosserva li, kif konstatat mill-ewwel Qorti, mill-provi ma jirrizultax li fiz-zmien tat-transazzjoni li s-socjeta` Delta Airlines ghamlet mas-socjeta` konvenuta Air Malta plc hija kellha f'Malta r-residenza ordinarja taghha, jew il-*"principal place of business";* kif ukoll ma giex pruvat li kellha xi *"establishment"* f'Malta liema terminu necessarjament jindika grad ta' permanenza f'Malta. Inoltre, il-fatt wahdu li kumpanija lokali kellha *special proration agreement*[10] ma' kumpanija barranija sabiex jigi regolat l-introjtu ghat-trasport f'kaz ta' *joint cargo* ma jissodisfax dan il-kriterju sabiex tigi radikata l-gurisdizzjoni fil-qrati Maltin fit-termini tal-Artikolu 28 precitat.

**28.** Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin fil-konfront tas-socjeta` Delta Airlines hija eskluza b'dak li jipprovdi l-imsemmi Artikolu tal-Konvenzjoni.

---

[9] **App. Dr.Austin Sammut noe v. Silvio Mifsud noe** – 22/6/1994
**App.C [1921/1995/1] Sunspot Tours Limited v. C.H Caterers Limited** - 16/12/2003
[10] Fol. 518

Ghalhekk anke din il-parti tal-ewwel aggravju hija nfondata.

**29.** _*It-Tieni Aggravju u **l-Appelli Incidentali** tas-socjetajiet Focal Maritimes Services Ltd u Thomas Smith & Co. Ltd*_

It-tieni aggravju tal-atturi jirrigwarda l-ispejjez tal-kawza kif gew spartiti mill-ewwel Qorti billi kkundannat lill-atturi jhallsu l-ispejjez tal-kawza relattivi ghas-socjetajiet konvenuti Air Malta plc u Delta Airlines, kif ukoll nofs l-kumplament tal-ispejjez.

**30.** Min-naha taghhom is-socjetajiet konvenuti appellanti qed jikkontestaw ir-responsabbilita` taghhom ghad-danni subiti mill-atturi, u komformament, interponew kull wiehed appell incidentali sabiex huma jigu dikjarati mhux responsabbli ghall-imsemmija danni u sabiex is-sentenza tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward tigi revokata fil-konfront taghhom.

**31.** [i] Fl-ewwel parti ta' dan l-aggravju tal-atturi, dawn isostnu li huma ma kellhomx jigu kkundannati jhallsu nofs l-ispejjez tas-socjetajiet konvenuti FMSL u TSCL ladarba l-ewwel Qorti sabet li dawn kienu responsabbli in solidum ghad-danni kagjonati lis-socjeta` attrici CIAO.

**32.** Illi dwar ir-responsabbilita` ta' dawn is-socjetajiet l-ewwel Qorti qalet hekk:

"….din il-Qorti thoss li fid-dawl ta' dan kollu u l-provi prodotti jirrizulta li s-socjetajiet FMSL u TSCL assumew ir-responsabilita' li jwasslu l-merkanzija kollha fid-destinazzjoni ndikata lilhom u kellhom jaghmlu l-arrangamenti kollha biex dan isehh u dan wkoll fiz-zmien hemm stabbilit, u ghalhekk huma responsabbli ghad-danni kkagunati fl-istess merkanzija, u wkoll ghad-danni li l-organizzazzjoni allegatament soffriet minhabba n-nuqqas ta' spedizzjoni tal-istess merkanzija fiz-zmien stipulati.."

**33.** Illi l-appell incidentali tas-socjeta` Focal Maritime Services Co. Ltd jikkonsisti f'aggravju wiehed li bazikament hu fis-sens li r-relazzjoni guridika bejnha u bejn l-atturi kienet wahda ta' "*broker* biss". Di fatti isimha ma jidher fuq ebda kuntratt ta' garr.

**34.** Inoltre tghid li:

"… … hija qabdet f'isem is-socjeta` CIAO kumpanija maghrufa sew fis-suq li taghmel dan ix-xoghol tal-garr tal-merkanzija bl-ajru. Qabbdet lil Thomas Smith li hija maghrufa f'dan il-qasam tax-xoghol. Il-fatt illi Thomas Smith harget l-*airway bill* bejnha bhala *carrier* u bejn CIAO bhala *shipper*, ma jhalli l-ebda dubbju li l-partijiet kollha kienu jafu ben tajjeb x'inhu r-*role* ta' Focal Maritime. Illi kieku Thomas Smith kellha l-icken dubbju kienet tinsisti li l-*airway bill*, li huwa kuntratt tal-garr, kien isir bejnhom u bejn Focal Maritime … … … hija ma kkawzat l-ebda danni u ma kissret l-ebda obbligu. Anzi jinghad illi hija ghamlet kollox bir-responsabilita` u kif titlob il-prattika tal-kummerc."

**35.** Inoltre, hi ssostni li qdiet l-obbligi kollha taghha, u ghalhekk ma kellhiex tinstab responsabbli tad-danni li sofriet is-socjeta` attrici CIAO.

**36.** L-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta Thomas Smith & Co. Ltd, hu msejjes fuq erba' aggravji. Fl-ewwel aggravju ssostni li hi ma kellha ebda relazzjoni guridika mal-atturi, la mas-socjeta` CIAO u lanqas ma' Trident s.r.l. Fit-tieni aggravju ssostni li hi ma tistax titqies bhala carrier, ghax *"ma assumiet l-ebda obbligu ghall-garr ta' merkanzija u kwindi l-azzjoni attrici kif proposta hija legalment insostenibbli."*. It-tielet aggravju taghha jirrigwarda d-dewmien fit-trasport tal-merkanzija; u r-raba' aggravju jirrigwarda l-ligi applikabbli ghall-kaz.

**37.** B'referenza ghall-ewwel aggravju, din is-socjeta` tghid li, anke kif jirrizulta mill-premessi tac-citazzjoni, hija ma nghatat ebda nkarigu mis-socjetajiet attrici, imma l-inkarigu kien moghti lilha mis-socjeta` konvenuta FMSL. Fil-fatt f'dawn il-premessi hemm indikat mill-istess attrici li *"Trident s.r.l inkarigat lis-socjeta` Focal Maritime Services*

*Limited sabiex tibghat merkanzija essenzjali u necessarja ghal din l-ezebizzjoni f'New York"*[11] u *"min-naha taghha s-socjeta` konvenuta Focal Maritime services inkarigat lis-socjeta` Thomas Smith & Co. Ltd sabiex tibghat l-istess merkanzija, kif inhu ndikat fil-House Airway Bill datat 14 ta' Frar 2001."*[12]

**38.** Issostni li hi ma kellha ebda relazzjoni mas-socjeta` attrici CIAO u ghalhekk ma jista' jkollha ebda rapport guridiku ma' din is-socjeta`. Tghid li, ghalkemm fuq il-*House Airway Bill* hemm indikat l-isem tal-imsemmija socjeta` bhala *shipper*, dan id-dokument "huwa dokument intern maghmul ghall-uniku skop sabiex jinghataw struzzjonijiet lil Bax Global li kellhom jiehdu hsieb jigbru l-merkanzija mill-ajruport ta' New York u jwassluha gewwa l-Javits Convention Centre", filwaqt li l-uniku *Airway Bill* "rilevanti u effikaci" huwa dak li permezz tieghu huma taw struzzjonijiet lis-socjeta` Air Malta plc ghat-trasport tal-oggetti.

**39.** *<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-appelli incidentali</u>*

In tema legali jigi osservat li b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu` ta' liema l-wiehed, kreditur, ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu; obbligazzjoni li din tista' tkun wahda kemm *di dare* jew *di fare* jew *di non fare*.[13]

**40.** Fil-meritu jigi osservat dwar ir-rapport guridiku bejn l-atturi u s-socjeta` konvenuta FMSL, li ghalkemm isem din is-socjeta` ma jiffigura la fil-*House Airway Bill* u lanqas fl-*Airway Bill*, mill-provi jirrizulta car li din is-socjeta` kienet assumiet l-inkarigu moghti lilha mis-socjeta` attrici Trident s.r.l sabiex torganizza t-trasport tal-merkanzija minn Malta ghal New York. Tant hu minnu dan, li fil-fattura mahruga mis-socjeta` FMSL lill-imsemmija socjeta` attrici Trident, datata 20 ta' April 2001 fl-ammont ta' $12,925, hemm

---

[11] Att tac-citazzjoni – paragrafu 4
[12] Ibid. – paragrafu 5
[13] **App.Inf [PS] 506/2003 – Korporazzjoni ghas-servizzi ta' l-Ilma pro et noe v. Emanuel Grixti** – 10/01/2007

inkluzi *“Transport & Unstuffing, Air Freight u Door Delivery”*[14] li jinkludi l-ammont tal-fattura mibghuta lilha mis-socjeta` TSCL. Inoltre, fl-istess fattura, is-socjeta` FMSL indikat is-somma ta’ $1,300 dovuta lilha nfisha bhala spejjez amministrattivi.

**41.** Ghaldaqstant dan l-aggravju tal-appell incidentali tas-socjeta` Focal Maritime Services Ltd. qed jigi respint, stante li mill-provi jirrizulta li din kellha relazzjoni kuntrattwali mal-atturi.

**42.** Illi rigward l-appell incidentali tas-socjeta` TSCL, il-Qorti tosserva li r-responsabilita` li sabet l-ewwel Qorti fil-konfront ta’ din is-socjeta` konvenuta kienet bazata fuq il-fatt li fil-*House Airway Bill* mahrug mill-istess socjeta` hemm indikata s-socjeta` CIAO bhala *shipper*. In vista ta’ dan il-fatt l-ewwel Qorti osservat hekk:

“Illi fir-rigward tas-socjeta` TSCL jinghad li mill-Airway Bill mahrug minnha stess [Dok.B] dak indikat bhala *House Airway Bill*, jidher car u manifest li fil-fatt kien hemm rabta bejnha u bejn is-socjeta` attrici CIAO. Fil-fatt is-socjeta` CIAO fuq dan id-dokument hija ndikata bhala x-*shipper* u cioe` dik illi qed tibghat il-merkanzija filwaqt illi TSCL hija ndikata bhala l-*carrier* [recte:*Agent*], u cioe` dik mghonija bl-inkarigu illi twassal il-merkanzija sad-destinazzjoni … ….Fit-13 [recte: 14] ta’ Frar 2001 harget *Airway Bill* mis-socjeta` KM [Air Malta] fejn TSCL hija ndikata bhala s-*shipper* sabiex l-istess merkanzija tingarr direttament lejn l-Amerika bil-mod hemm indikat bl-ajru.”

**43.** Is-socjeta` TSCL tispjega li l-*House Airway Bill* li harget hi u li fuqu hi ndikat lis-socjeta` CIAO bhala *shipper* mhuwiex vinkolanti stante li dan kien intiz unikament ghall-skopijiet interni tal-kumpanija u sabiex id-destinatarju, f’dan il-kaz Aston Int. Co, ikun jaf bid-dettalji tat-trasport li l-istess socjeta` kienet ser torganizza. Tant hu minnu dan, li dakinhar stess hija harget *Airway Bill* lis-socjeta` Air Malta plc. bhala *carrier* fejn indikat lilha

[14] Fol. 151

nnifisha bhala *shipper*. Dan kien il-kuntratt ta' garr vinkolanti ntiz sabiex jirregola t-trasport tal-oggetti.

**44.** Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li, kif sottomess mill-istess socjeta` konvenuta, dan kien l-uniku element ta' prova li fuqu strahet l-ewwel Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li kienet tezisti relazzjoni guridika bejnha u bejn is-socjeta` CIAO, u d-dokumenti l-ohra citati mill-ewwel Qorti, cioe` dokumenti A, C, D u E ma jikkostitwux prova ulterjuri ta' dak sostnut mis-socjeta` konenuta[15]. Din il-konkluzjoni ssib konferma wkoll fil-fatt li s-socjeta` TSCL baghtet il-kont taghha lis-socjeta` FMSL u mhux lil CIAO jew lil Trident, liema fatt gie konfermat mill-istess socjeta` FMSL. Inoltre, u b'enfazi, jigi osservat li t-tezi tas-socjeta` konvenuta hija sostnuta wkoll mill-fatt li d-dokument B, li huwa l-*House Airway Bill*, ezebit fil-kawza mhuwiex iffirmat la minn CIAO u lanqas minn TSCL.

**45.** Ghalhekk, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis li dan l-aggravju tas-socjeta` Thomas Smith & Co. Ltd huwa fondat, stante li ma jirrizultax mill-provi li din is-socjeta` kellha rapport guridiku mal-atturi.

**46.** Illi, stante li l-appell incidentali taghha qed jigi milqugh, mhux il-kaz li din il-Qorti tkompli tezamina l-aggravji l-ohra meritu ta' dan l-appell incidentali.

**47.** [ii] <u>Fit-tieni, it-tielet u r-raba' parti</u> tal-aggravju taghhom l-atturi jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti ordnatilhom ihallsu l-ispejjez relatati mas-socjetajiet konvenuti Air Malta u Delta Airlines. Huma fissru l-aggravju hekk:

"[i] … "L-atturi m'ghandhomx jigu penalizzati ghal dan meta l-konvenuti Focal u Thomas Smith bdew jghidulhom li ghandhom ifittxu lil Air Malta u lil Delta ghax huma m'ghandhomx x'jaqsmu. [ii] Illi tant li l-Air Malta u Delta ma gewx imharrka inutilment li anke l-ewwel Qorti a fol. 18

---

[15] Fil-fatt dawn id-dokumenti huma korrispondenza bejn is-socjeta` FMSL u Bax Co.Ltd [A], bejn is-socjeta` FMSL u Giuseppe De Giorgio [C], il-House Airway Bill [D] u korrispondenza bejn is-socjeta` FMSL u s-socjeta` TSCL[E]. Id-dokumenti A, C u E huma kwotazzjonijiet li ntbaghtu lil FMSL qabel ma nkarigat lil TSCL.

tas-sentenza stabbiliet li l-Air Malta hija responsabbli ghad-danni li kieku ma intlaqghetx it-tielet eccezzjoni li titratta l-preskrizzjoni. [iii] Fuq kollox l-kawza odjerna hija dwar ftehim li l-atturi ghamlu mas-socjeta` Focal Maritime[16] biex iggorr kwantita` ta' prodotti tal-ikel minn Sqallija lejn New York, u ghalhekk japplika fil-konfront tal-konvenuti kollha l-Artikolu 1628 et sequitur tal-Kodici Civili li jaghti r-responsabilita` kollha ghal garr lill-vettural li huwa responsabbli ghat-telf tal-haga fdata lilu."

**48.** Dan l-aggravju huwa manifestament insostenibbli, ghax kif jghidu l-istess atturi fir-raba' parti tal-aggravju taghhom il-kaz odjern jirrigwarda *"ftehim li l-atturi ghamlu mas-socjeta` Focal Maritime",* u ghalhekk ghandu jirrizulta car li l-atturi kellhom jipprocedu biss kontra din is-socjeta` li maghha huma kienu dahlu fi ftehim sabiex torganizza t-trasport tal-*exhibition material*. Kellu jirrizulta car ghall-atturi li r-relazzjoni guridika li kellhom kienet mas-socjeta` FMSL biss, u ghalhekk logikament u guridikament kellhom jipprocedu kontra din biss, irrispettivament minn dak li l-istess socjeta` sostniet u baqghet issostni biex tipprova tezimi ruhha mir-responsabbilita`.

**49.** Inoltre, il-fatt li l-ewwel Qorti osservat *obiter* li, kieku mhux ghax laqghet l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Air Malta plc, din kienet tinzamm responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li l-atturi m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-konvenuti, ghaliex ghandu jirrizulta car li, qabel ma tibda tigi kontemplata u ezaminata r-responsabbilita` kuntrattwali tas-socjeta` Air Malta plc vis-à-vis l-atturi, kien mehtieg li, fl-ewwel lok, jigi pruvat li kienet tezisti relazzjoni guridika bejn l-atturi u din is-socjeta`, haga li ma tirrizultax mill-provi; anzi l-provi juru proprju l-kuntrarju, u cioe` li l-atturi ma kellhom ebda rapport guridiku, la mas-socjetajiet Air Malta u lanqas mad-Delta Airlines.

*It-Tielet Aggravju*

[16] Sottolinear ta' din il-Qorti

**50.** L-atturi jfissru dan l-aggravju hekk:

"Illi l-Ewwel Qorti zbaljat meta ddecidiet li l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u dan meta d-danni sofferti minn CIAO kienu ilhom li gew sofferti sa minn meta kellha tasal il-merkanzija, u cioe` mit-22 ta' Frar 2001 meta kellha tasal il-merkanzija fic-centru tal-fieri gewwa New York … ...."

**51.** L-atturi qed jibbazaw dan l-aggravju fuq id-dispost tal-Artikolu 1141[1] tal-Kodici Civili li testwalment jaqra hekk:

"Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghoddu *ipso jure* l-imghaxijiet jghaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita."

**52.** In propozitu l-Qorti tosserva li huwa principju assodat fil-gurisprudenza nostrana li *in illiquidandis non fit mora,* u l-imghaxijiet jibdew jiddekorru minn meta l-ammont tad-danni jkun gie determinat. Kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet.[17] Ghaldaqstant kienet korretta l-ewwel Qorti meta ordnat li l-imghaxijiet kummercjali jibdew jghoddu mid-data tas-sentenza, ghax kienet proprju f'din id-data li s-somma dovuta bhala danni giet determinata.

**53.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat u qed jigi respint.

*Ir-raba' Aggravju*

**54.** Illi permezz ta' dan l-aggravju l-attrici ssostni li l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Air Malta plc.

**55.** Fl-ewwel eccezzjoni taghha din is-socjeta` eccepiet li hi *"la ghandha u qatt ma kellha relazzjoni guridika mal-*

---

[17] **App.S Emanuel Cardona et v. Dr. Graham Busuttil** – 10/1/1995; **App.S 73/1983 Renato Ellul v. Emanuel Delicata noe et** – 30/5/2003; **App.S 823/1999 Vivian Charmaine Mizzi v. Carmel Mizzi** – 30/6/2004

*attur nomine kif manifest mid-dokumenti tal-garr tal-konsinna in ezami.”,* filwaqt li fit-tielet eccezzjoni taghha l-istess socjeta` eccepiet li *“Bla pregudizzju ghal premess is-socjeta` attrici ma segwietx it-termini tal-kondizzjonijiet tat-trasport riferibbilment ghall-avviz li kellu jinghata mir-ricevitur ghall-allegat dewmien fil-konsenja.”*

**56.** Fir-rigward l-ewwel Qorti ddecidiet hekk:

“Illi tenut kont pero` ta’ kif hija redatta c-citazzjoni attrici jirrizulta minn dak li gie hawn deciz li ma hemm ebda rabta kontrattwali bejn l-atturi u s-socjetajiet traportaturi KM [Air Malta plc] u DL [Delta Airlines] u jidher li fil-fatt ir-relazzjoni ta’ dawn tal-ahhar kienu biss mas-socjeta` TSCL, u dan kif jirrizulta mill-*airway bill* [Dok.C] li tindika lil TSCL bhala shipper u l-carrier bhala l-Air Malta plc. Ma jidher li hemm l-ebda konnessjoni bejn din tal-ahhar u l-attur ....”

**57.** Il-Qorti tosserva li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija sostnuta ampjament mill-provi, u jirrizulta pacifiku li l-atturi ma taw ebda struzzjonijiet jew inkarigu la lis-socjeta` konvenuta Air Malta plc. u lanqas lis-socjeta` estera konvenuta Delta Airlines. Kif osservat l-ewwel Qorti, l-atturi ma kienu nvoluti b’ebda mod fl-inkarigu moghti lil dawn is-socjetajiet trasportaturi tal-merkanzija mis-socjeta` konvenuta TSCL. Ma kien hemm ebda relazzjoni kontrattwali bejn l-atturi u dawn is-socjetajiet.[18] Ghaldaqstant l-ewwel Qorti kienet korretta meta laqghet it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` Air Malta plc. u lliberat lil din is-socjeta` mill-osservanza tal-gudizzju.

**58.** Illi, tenut kont li l-ewwel parti ta’ dan l-aggravju qed jigi michud, il-meritu tat-tieni parti tal-aggravju bbazat fuq it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` Air Malta plc huwa ezawrit.

*Il-Hames Aggravju*

---

[18] Ara fir-rigward **App.1381/1993/1 Joseph Zammit v. Marin Hili et** deciza 7/10/2005

**59.** Dan l-aggravju jirrigwarda l-quantum tad-danni li l-ewwel Qorti akkordat lis-socjeta` attrici CIAO limitatament ghas-somma ta' €3,200. L-atturi jikkontendu li l-ammont ta' danni li huma sofrew minhabba l-agir illegali tal-konvenuta kien ferm akbar minn hekk.

**60.** Id-danni li s-socjeta` CIAO ssostni li kellha tigi rimborsata ghalihom jikkonsistu fis-segwenti:

a) rifuzjoni lill-esebituri fl-ammont ta' €26,616.79;

b) self bankarju li l-istess socjeta` ssostni li kellha tiehu minhabba t-telf li sofriet;

c) t-telf ta' qligh fis-snin sussegwenti rizultanti mill-fatt li, wara l-falliment taghha fil-fiera, hi ma nghatatx inkarigu iehor mill-gvern Taljan.

**61.** L-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, wara li kkunsidrat provati d-danni sal-ammont ta' €3,200 fuq indikat, ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward: li d-danni li jistghu jigu reklamati mill-atturi huma biss dawk naxxenti mir-relazzjoni kuntrattwali bejn l-atturi u s-socjetajiet konvenuti FMSL u TSCL, u li jirrigwardaw il-garr ta' merkanzija minn Malta ghal New York fid-dati fuq indikati; li ma giex provat sodisfacentement li s-self bankarju, li s-socjeta` CIAO allegat li kellha tiehu, fl-ammont ta' €78,708.71, kien necessarju sabiex din is-socjeta` tkompli topera wara l-falliment tal-inkarigu moghti mill-atturi lil FMSL; li t-telf ta' profitt, indikat mill-istess socjeta` attrici fl-ammont ta' €117,942.72, ukoll ma giex provat; li s-somma ta' €6,675.25 reklamata mis-socjeta` attrici Trident s.r.l mhijiex dovuta stante li ma jirrizultax li din is-somma fil-fatt kienet thallset mill-istess socjeta`.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

**62.** [a] Illi rigward l-ammont ta' €26,616.79c, Josephine Asaro, li tiggestixxi s-socjeta` attrici CIAO, issostni li dan l-ammont jirrapprezenta l-ispejjez ta' vjaggar u akkomodazzjoni li l-ezebituri hargu biex marru ghall-fiera f'New York li kienet tant importanti ghalihom. Hija tispjega

li ma gewx prezentati ricevuti ghax *"hadd mill-konvenuti ma talab ricevuti jew spjegazzjoni ulterjuri taghhom".* Ghalhekk l-unika ricevuta li, fuq rikjesta sussegwenti tal-konvenuti, hi ezebiet f'dawn il-proceduri hi prova tal-pagamenti maghmula lil Americaff fl-ammont ta' €2,000.

**63.** Fir-rigward, il-Qorti tosserva li jirrizulta li l-prova mressqa mis-socjeta` CIAO dwar it-telf finanzjarju subit mill-ezebituri tikkonsisti f'risposti ghal mistoqsijiet li din is-socjeta` kienet baghtet lil dawn l-ezebituri biex jindikaw l-ammont tat-telf taghhom. Ma ngabet ebda prova ohra fir-rigward, u ghalhekk ghandu jirrizulta car li l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li hi ma setghetx toqghod fuq dawn l-ammonti pretizi mill-ezebituri, u li ma kienux konfermati minnhom bil-gurament. Inoltre, ghalkemm Josephine Asaro fix-xhieda tghid li s-socjeta` attrici hallset lill-ezebituri, hija tghid li ma ghaddilhiex minn mohha li tezebixxi r-ricevuti relattivi.[19] Fatt verament stramb meta wiehed iqis li s-socjeta` gestita minnha kienet qed tressaq pretensjoni ghad-danni! Sussegwentement f'nota prezentata fit-2 ta' Ottubru 2007 hija ezebiet pagamenti maghmula lil Americaff biss, filwaqt li tghid *"other payments were made in cash or lost trace."*[20]

**64** [b] Illi rigward is-self bankarju, u t-telf ta' profitt, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, tosserva li ma jirrizultax mill-provi li s-socjeta` CIAO kienet kostretta li tiehu s-self bankarju <u>minhabba</u> l-hsara li hi kienet sofriet rizultat tan-nuqqas ta' ezebizzjoni tal-prodotti inkwistjoni. Inoltre, jirrizulta *ex admiss* li l-istess socjeta` thallset mill-provincja ta' Trapani s-somma ta' €78,797 rapprezentanti kif tghid l-istess socjeta` fl-aggravju taghha *"..hlas ta' spejjez li hija ghamlet in konnessjoni mal-fiera.."* [21] u li jinkludu *"spedizione materiale".*

**65.** Illi dwar it-telf ta' qligh l-istess socjeta` attrici tghid li:

"… … bhala prova hi gabet l-*audited accounts* minghand l-awditur tal-kumpanija sabiex tipprova t-telf li garrbet u d-

[19] Fol. 554
[20] Fol. 617
[21] Fattura 18 datata 2 ta' Mejju 2001 – Fol. 136

dokumenti tal-bank li jissostanzjaw dan is-self. [Dok.JA mal-affidavit addizjonali taghha fol.257 u fol.135]. Dawn juru li hija ghas-snin 2001, 2002 u 2003 spejjez biss kellha u ma kellhiex dhul iehor."

**66.** Fl-istess parti tal-aggravju, hi ghamlet referenza ghall-kopji tal-*press release* mahrug mill-Provincia Regionale di Trapani, u l-istqarrija tal-Camera del Lavoro, u estratt minn gazzetta Taljana. Ghamlet ukoll referenza ghal dokument[22] ffirmat mill-Vici President tal-fiera li skont hi:

"… … jghid car u tond li CIAO giet moghtija l-esklussiva biex taghmel l-*exhibition* fuq prodotti Sqallin u inghatat l-agenzija esklussiva ghal dan ghat-territorju ta' Sqallija. Illi dan kien jigi mgedded awtomatikament, izda minhabba d-dizastru tal-fiera ma giex imgedded, u l-kuntratt inghata lid-ditta specjalizzata minn Firenze bl-isem Societa` Caterina de Medici kif juri mid-dokument rilaxxat mill-Provincja Regionalie di Trapani li juri r-rizultati tat-*tenders* u li jinsab esebit [fol.131]."

**67.** Illi anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li ma jirrizultax provat in-ness bejn l-incident tal-fiera u l-allegat telf ta' qliegh li soffriet din il-kumpanija attrici. Kif ammess mill-istess Josephine Assaro fix-xhieda taghha, it-*tender* moghti lilha mill-gvern Taljan kien johrog kull sena, u ma kien hemm ebda ftehim jew garanzija li dan it-*tender* kien ser jibqa' jinghata lilha ghas-snin sussegwenti. Fi kliem iehor is-socjeta` attrici ma rnexxilhiex tipprova li din kienet ir-raguni ghaliex *tenders* sussegwenti ma nghatawx lilha. Ghalhekk dak li sostniet l-istess Josephine Asaro huwa biss kongettura da parti taghha, u ma tistax teskludi li t-*tender* kien inghata lil socjeta` ohra minnhabba ragunijiet estranei ghall-akkadut.

**68.** Rigward id-dokument iffirmat mill-imsemmi Steven Kalman, Industry Vice President, datat 8 ta' Mejju 2000[23] il-Qorti tosserva li dan hu biss dikjarazzjoni da parti ta'

[22] Fol. 629
[23] Fol. 629 – sottolinear tal-Qorti

dan, li, b'referenza għall-fiera "New York Restaurant and Foodservice Show 2001" is-socjeta` CIAO kienet qed tingħata l-esklussivita` biex tippartecipa fil-fiera għar-*region* ta' Sqallija. Di fatti l-ewwel paragrafu ta' dan id-dokument jaqra hekk:

*"I, Steve Kalman, Industry Vice President of Reed Exhibition Company, responsible of the "New York Restaurant and Foodservice Show* *<u>2001</u>" grant the CIAO [Commercial Italian Organisation] under Josephine, Via Messico, 51 – Erice [TP] Italy, the exlusivity to coordinate for us the* *<u>participation at the above mentioned show</u>* *of any companies, public or private, in the territory of the region of Sicily, as the sole agency."*

**69.** Il-Qorti tosserva li dan id-dokument, ma jipprova xejn għajr li għall-fiera inkwistjoni li kienet ser tinżamm fis-sena 2001 is-socjeta` CIAO kellha l-esklussivita` għar-regjun ta' Sqallija, u ma hemm xejn x'jindika li, kif allegat minn Josephine Asaro, "dan [il-ftehim] kien jiġi mġedded awtomatikament iżda minħabba d-diżastru tal-fiera ma ġietx imġedded…".

**70.** In tema legali jiġi osservat li huwa principju fundamentali tad-dritt procedurali li min jallega fatt għandu l-oneru tal-prova ta' dak il-fatt, liema prova trid tkun sħiħa u ntegra. Għalhekk fil-kaz in dizamina, l-atturi kellhom l-oneru li jipprovaw id-danni li sofrew minħabba l-inadempjenza kuntrattwali tas-socjeta` konvenuta [FMSL] kemm fin-natura tagħhom kif ukoll fl-estensjoni tagħhom, u certament il-prova konsistenti fuq semplici dikjarazzjoni da parti tal-eżebituri mingħajr sostenn ulterjuri kif ukoll prova ta' dikjarazzjoni fil-gazzetti ma jistgħux validament jitqiesu bħala prova sodisfacenti fit-termini tal-liġi.

**71.** Illi fl-istess aggravju l-atturi jsostnu li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddecidiet li, la darba s-socjeta` Trident s.r.l ma ħallsitx il-kont mibgħut lilha mis-socjeta` FMSL, allura hi ma sofrietx danni. Fir-rigward, il-Qorti tosserva li d-danni għandhom jiġu pruvati li saru, u għandu jirriżulta palezi li, ladarba Trident s.r.l ma ħallset

xejn, allura legalment mhijiex fil-pozizzjoni li tirreklama danni.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**Decide**

**72.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell principali tal-atturi, kif ukoll l-appell incidentali tas-socjeta` Focal Maritime Services Limited; tilqa' l-appell incidentali tas-socjeta` Thomas Smith & Co. Ltd, u konsegwentement tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li fiha din is-socjeta` kienet instabet hatja tad-danni sofferti mill-atturi, u dik il-parti fejn giet ordnata li thallas danni lill-atturi, u konsegwentement tillibera lill-istess socjeta` mill-osservanza tal-gudizzju; tikkonferma l-bqija tas-sentenza.
**73.** L-ispejjez tal-proceduri quddiem il-Prim' Awla ghandhom jithallsu mis-socjeta` Focal Maritime Services Limited, salv ghall-ispejjez relatati mal-konvenuti l-ohra li ghandhom jithallsu mill-atturi.

**74.** L-ispejjez tal-appell principali u dawk tal-appell incidentali tas-socjeta` Thomas Smith & Co. Ltd ghandhom jithallsu kollha mill-atturi. Dawk relattivi ghall-appell incidentali tas-socjeta` Focal Maritime Services Limited ghandhom jithallsu mill-istess socjeta`.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------